II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1701

tat-23 ta' Lulju 2019

li jemenda l-Annessi I u V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż ([1]), u b'mod partikolari l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 23(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012, li ġie adottat fl-4 ta' Lulju 2012, jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikoluż fil-Kummerċ Internazzjonali ([2]) ("il-Konvenzjoni ta' Rotterdam"). Huwa riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u ssostitwixxa dak ir-Regolament b'effett mill-1 ta' Marzu 2014. Ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 73/2013 ([4]), li ġie adottat fil-25 ta' Jannar 2013 iżda ma sarx applikabbli qabel l-1 ta' April 2013. L-emendi stipulati fir-Regolament (UE) Nru 73/2013 ma kinux riflessi kif xieraq fir-Regolament (UE) Nru 649/2012. Għalhekk, sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-konsistenza legali, huwa meħtieġ li jiġu formalment riflessi fl-Annessi tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 l-emendi stipulati fir-Regolament (UE) Nru 73/2013.

(2) Bid-Deċiżjoni 2008/934/KE ([5]), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tinkludix is-sustanzi acetochlor, asulam, chloropicrin u propargite bħala sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([6]), bl-effett li dawk is-sustanzi jiġu pprojbiti mill-użu fil-pestiċidi u għalhekk jenħtieġ li jiġu miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. Madankollu, iż-żieda tal-acetochlor, tal-asulam, tal-chloropicrin u tal-propargite mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 ġiet sospiża minħabba applikazzjoni ġdida għall-inklużjoni ta' dawk is-sustanzi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mressqa skont l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 ([7]). Din l-applikazzjoni l-ġdida wasslet għall-adozzjoni tar-Regolamenti ta'

([1]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60.
([2]) ĠU L 63, 6.3.2003, p. 29.
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż (ĠU L 204, 31.7.2008, p. 1).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 73/2013 tal- 25 ta' Jannar 2013 li jemenda l-Annessi I u V tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż (ĠU L 26, 26.1.2013, p. 11).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE tal-5 ta' Diċembru 2008 dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi (ĠU L 333, 11.12.2008, p. 11).
([6]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).
([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha (ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5).

Implimentazzjoni (UE) Nru 1372/2011 ([8]), (UE) Nru 1045/2011 ([9]), (UE) Nru 1381/2011 ([10]) u (UE) Nru 943/2011 ([11]), li permezz tagħhom il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tapprovax is-sustanzi acetochlor, asulam, chloropicrin u propargite, rispettivament, bħala sustanzi attivi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]), bl-effett li jibqgħu pprojbiti mill-użu fil-pestiċidi. Għalhekk, jenħtieġ li s-sustanzi acetochlor, asulam, chloropicrin u propargite jiġu miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(3) Bid-Deċiżjoni 2008/934/KE, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tinkludix is-sustanzaflufenoxuron bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u bid-Deċiżjoni 2012/77/UE ([13]) ddeċidiet li ma tinkludix dik is-sustanza bħala sustanza attiva fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) għat-tip ta' prodott 18. Għalhekk, il-flufenoxuron qed jiġi ristrett b'mod sever għall-użu fil-pestiċidi u jenħtieġ li jiġi miżjud mal-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. Madankollu, iż-żieda tal-flufenoxuron mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 ġiet sospiża minħabba applikazzjoni ġdida għall-inklużjoni ta' dik is-sustanza fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mressqa skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008. Din l-applikazzjoni l-ġdida wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 942/2011 ([15]), li permezz tiegħu l-Kummissjoni ddeċidiet li ma tapprovax il-flufenoxuron bħala sustanza attiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Għalhekk, jenħtieġ li s-sustanza flufenoxuron tiġi miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(4) Bid-Deċiżjoni 2012/257/UE ([16]), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tinkludix is-sustanza naled għall-prodotti tat-tip 18 fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE u bid-Deċiżjoni 2005/788/KE ([17]), iddeċidiet li ma tinkludix dik is-sustanza fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Għalhekk, in-naled qed jiġi pprojbit mill-użu fil-pestiċidi u jenħtieġ li jiġi miżjud mal-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(5) Permezz tad-Deċiżjonijiet 2009/65/KE ([18]), 2009/859/KE ([19])u 2008/769/KE ([20]), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tinkludix l-aċidu 2-naftilossaċetiku, id-difenilammina u l-propanil, rispettivament, bħala sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Għalhekk, dawk is-sustanzi qed jiġu pprojbiti mill-użu fil-pestiċidi u jenħtieġ li jiġu miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. Madankollu, iż-żieda tal-aċidu 2-naftilossiaċetiku, tad-difenilammina u tal-propanil mal-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 ġiet sospiża minħabba applikazzjoni ġdida għall-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mressqa skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008. Din l-applikazzjoni l-ġdida

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1372/2011 tal-21 ta' Diċembru 2011 dwar in-nonapprovazzjoni tas-sustanza attiva aċetoklor, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE (ĠU L 341, 22.12.2011, p. 45).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1045/2011 tad-19 ta' Ottubru 2011 dwar in-nonapprovazzjoni tas-sustanza attiva asulam, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 23).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1381/2011 tat-22 ta' Diċembru 2011 dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva kloropikrin, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE (ĠU L 343, 23.12.2011, p. 26).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 943/2011 tat-22 ta' Settembru 2011 dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva propargit, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE (ĠU L 246, 23.9.2011, p. 16).

([12]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

([13]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/77/UE tad-9 ta' Frar 2012 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni tal-flufenossuron għall-prodotti tat-tip 18 fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/8/KE dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 38, 11.2.2012, p. 47).

([14]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 942/2011 tat-22 ta' Settembru 2011 dwar in-nonapprovazzjoni tas-sustanza attiva flufenoxuron, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE (ĠU L 246, 23.9.2011, p. 13).

([16]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/257/UE tal-11 ta' Mejju 2012 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni tan-naled għall-prodotti tat-tip 18 fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 126, 15.5.2012, p. 12).

([17]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/788/KE tal-11 ta' Novembru 2005 dwar in-non-inklużjoni tan-naled fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dik is-sustanza (ĠU L 296, 12.11.2005, p. 41).

([18]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/65/KE tas-26 ta' Jannar 2009 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' 2-Naphtyloxyacetic acid fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza (ĠU L 23, 27.1.2009, p. 33).

([19]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/859/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar in-noninklużjoni ta' diphenylamine fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza (ĠU L 314, 1.12.2009, p. 79).

([20]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/769/KE tat-30 ta' Settembru 2008 dwar l-esklużjoni tal-propanil mill-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza (ĠU L 263, 2.10.2008, p. 14).

wasslet għall-adozzjoni tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1127/2011 ([21]), (UE) Nru 578/2012 ([22]) u (UE) Nru 1078/2011 ([23]), li permezz tagħhom il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tapprovax is-sustanzi l-aċidu 2-naftilossiaċetiku, id-difenilammina u l-propanil, rispettivament, bħala sustanzi attivi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, bl-effett li jibqgħu pprojbiti mill-użu fil-pestiċidi. Għalhekk, jenħtieġ li s-sustanzi l-aċidu 2-naftilossiaċetiku, id-difenilammina u l-propanil jiġu miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi li tinsab fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(6) Jenħtieġ li l-entrata għad-dichlorvos fil-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tiġi emendata biex tirrifletti d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/254/UE ([24]) biex ma tinkludix id-dichlorvos fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE, li għandha l-effett li tipprojbixxi l-użu tad-dichlorvos fil-pestiċidi.

(7) Permezz tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 582/2012 ([25]) u (UE) Nru 359/2012 ([26]), il-Kummissjoni approvat is-sustanzi bifenthrin u metam, rispettivament, bl-effett li dawk is-sustanzi ma għadhomx ipprojbiti mill-użu fil-pestiċidi. Konsegwentement, is-sustanzi bifenthrin u metam jenħtieġ li jitħassru mill-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(8) Fil-ħames laqgħa tagħha, li saret f'Ġunju 2011, il-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam iddeċidiet li tinkludi is-sustanzi alachlor, aldicarb u endosulfan fl-Anness III ta' dik il-Konvenzjoni, bl-effett li dawk is-sustanzi kimiċi jiġu soġġetti għall-Proċedura ta' Kunsens Infurmat Minn Qabel skont dik il-Konvenzjoni. Għalhekk jenħtieġ li dawn jitneħħew mil-lista tas-sustanzi kimiċi fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 u jiżdiedu mal-lista tas-sustanzi kimiċi fil-Parti 3 ta' dak l-Anness.

(9) Jenħtieġ li s-sustanza ċjanammid titneħħa mill-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 billi tressqet evidenza li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/745/KE ([27]) li ma tinkludix iċ-ċjanammid fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE ma tammontax għal restrizzjoni severa tal-użu tas-sustanza fil-livell tal-kategorija "pestiċida", filwaqt li jitqies li ċ-ċjanammid għandu użi importanti fis-subkategorija "pestiċidi oħra inklużi l-bijoċidi". Is-sustanza ċjanammid ġiet identifikata u notifikata għall-evalwazzjoni skont id-Direttiva 98/8/KE. Għalhekk, prodotti bijoċidali li fihom iċ-ċjanammid jistgħu jibqgħu jiġu awtorizzati mill-Istati Membri skont ir-regoli nazzjonali tagħhom, sakemm tittieħed deċiżjoni taħt dik id-Direttiva.

(10) Wara d-deċiżjoni meħuda skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes biex tiġi elenkata s-sustanza endosulfan fil-Parti 1 tal-Anness A ta' dik il-Konvenzjoni, dik is-sustanza ġiet inkluża fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]). Konsegwentement, is-sustanza endosulfan jenħtieġ li titħassar mill-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(11) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 649/2012 jiġi emendat skont dan.

(12) Peress li, fil-prattika, l-emendi stipulati f'dan ir-Regolament diġà ġew implimentati mill-awtoritajiet rilevanti u mill-operaturi ekonomiċi fuq is-suppożizzjoni li r-Regolament (UE) Nru 649/2012 ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 73/2013, jenħtieġ li dawn japplikaw b'mod retroattiv mill-1 ta' Marzu 2014, id-data meta beda japplika r-Regolament (UE) Nru 649/2012,

---

([21]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1127/2011 tas-7 ta' Novembru 2011 dwar in-nonapprovazzjoni tas-sustanza attiva l-aċidu 2-naftilossiaċetiku, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 289, 8.11.2011, p. 26).

([22]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 578/2012 tad-29 ta' Ġunju 2012 dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva difenilammina, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 171, 30.6.2012, p. 2).

([23]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1078/2011 tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva propanil, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 279, 26.10.2011, p. 1).

([24]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/254/UE tal-10 ta' Mejju 2012 dwar in-noninklużjoni tad-diklorvos għall-prodotti tat-tip 18 fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 125, 12.5.2012, p. 53).

([25]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2012 tat-2 ta' Lulju 2012 li japprova s-sustanza attiva bifentrin, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 173, 3.7.2012, p. 3).

([26]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 359/2012 tal-25 ta' April 2012 li japprova s-sustanza attiva metam, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 114, 26.4.2012, p. 1).

([27]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/745/KE tat-18 ta' Settembru 2008 dwar l-esklużjoni ta' cyanamide mill-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza (ĠU L 251, 19.9.2008, p. 45).

([28]) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness V huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika b'effett mill-1 ta' Marzu 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) l-entrati għal alachlor u aldicarb huma sostitwiti b'dan li ġej:

Sustanza Kimika	Nru CAS	Nru Einecs	Kodiċi NM (***)	Subkategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika
"Alachlor (#)	15972-60-8	240-110-8	ex 2924 25 00	p(1)	b	
Aldicarb (#)	116-06-3	204-123-2	ex 2930 80 00	p(1)-p(2)	b-b";	

(b) l-entrata għal dichlorvos hija sostitwita b'dan li ġej:

Sustanza Kimika	Nru CAS	Nru Einecs	Kodiċi NM (***)	Subkategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika
"Dichlorvos (+)	62-73-7	200-547-7	ex 2919 90 00	p(1)-p(2)	b-b";	

(c) l-entrati għall-bifenthrin u għall-metam jitħassru;

(d) l-entrati li ġejjin huma mdaħħla jew miżjuda f'ordni alfabetika:

Sustanza Kimika	Nru CAS	Kodiċi NM	Nru Einecs (***)	Subkategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika
"Acetochlor (+)	34256-82-1	251-899-3	ex 2924 29 70	p(1)	b	
Asulam (+)	3337-71-1 2302-17-2	222-077-1 218-953-8	ex 2935 90 90	p(1)	b	
Chloropicrin (+)	76-06-2	200-930-9	ex 2904 91 00	p(1)	b	
Flufenoxuron (+)	101463-69-8	417-680-3	ex 2924 21 00	p(1)-p(2)	b-sr	
Naled (+)	300-76-5	206-098-3	ex 2919 90 00	p(1)-p(2)	b-b	
Propargite (+)	2312-35-8	219-006-1	ex 2920 90 70	p(1)	b";	

(2) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għal dichlorvos hija sostitwita b'dan li ġej:

Sustanza Kimika	Nru CAS	Nru Einecs	Kodiċi NM (***)	Kategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)
"Dichlorvos	62-73-7	200-547-7	ex 2919 90 00	p	b";

(b) jitħassru l-entrati għall-alachlor, għall-aldicarb, għaċ-ċjanammid u għall-endosulfan;

(c) l-entrati li ġejjin jiddaħħlu jew jiżdiedu f'ordni alfabetika:

Nru CAS	Nru Einecs	Kodiċi NM (***)	Kategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	"aċidu 2-naftilossaċetiku
Sustanza Kimika	120-23-0	204-380-0	ex 2918 99 90	p	b
Acetochlor	34256-82-1	251-899-3	ex 2924 29 70	p	b
Asulam	3337-71-1 2302-17-2	222-077-1 218-953-8	ex 2935 90 90	p	b
Chloropicrin	76-06-2	200-930-9	ex 2904 91 00	p	b
Diphenylamine	122-39-4	204-539-4	ex 2921 44 00	p	b
Flufenoxuron	101463-69-8	417-680-3	ex 2924 21 00	p	sr
Naled	300-76-5	206-098-3	ex 2919 90 00	p	b
Propanil	709-98-8	211-914-6	ex 2924 29 70	p	b
Propargite	2312-35-8	219-006-1	ex 2920 90 70	p	b";

(3) fil-Parti 3, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin f'ordni alfabetiku:

Sustanza Kimika	Numru/i CAS rilevanti	Kodiċi HS Sustanza pura (**)	Kodiċi HS Taħlitiet li jkun fihom is-sustanza (**)	Kategorija
"Alachlor	15972-60-8	2924.25	3808.93	Pestiċida
Aldicarb	116-06-3	2930.80	3808.91	Pestiċida
Endosulfan	115-29-7	2920.30	3808.91	Pestiċida".

ANNESS II

Fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tiżdied l-entrata li ġejja:

Deskrizzjoni tas-sustanzi kimiċi/tal-prodott(i) soġġetti għall-projbizzjoni tal-esportazzjoni	Dettalji addizzjonali, fejn relevanti (eż. isem is-sustanza kimika, Nru KE, Nru CAS, eċċ.)	
	"Endosulfan	Nru KE 204-079-4 Nru CAS 115-29-7 Kodiċi NM 2920 30 00".